KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

# MINUTI
## Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Mosta
## Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 46 Tnejn 24 ta' Lulju 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis 7:40 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Keith Cassar – Sindku
James Cassar – Viċi-Sindku
Rachel Tua – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mark Micallef Costa – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġiji u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 44 u 45

Minuti tal-laqgħa numru 44 gew approvati.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 – Malta
Tel: (+356) 21416841 Fax: (+356)21410245 Email:mosta.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru 45 gew approvati.

Saret sospensjoni tal-minuti biex is-Sindku Keith Cassar jibda bir-rapporti numru 46.5.

### 46.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

#### 46.3.1 Korrispondenza -Email-Queen's Baton

Is-Sindku Keith Cassar informa lil Kunsilliera li ħa jsiru 'l *Commonwealth Games* f'Malta, u ġejna mitluba jekk naċċettawx li 'l *Queens Batton* tgħaddi mil-lokalita tagħna, kif wkoll biex jkun hemm l'attivita tal-*Queens Batton*. Is-Sindku ssuġġerixxa li 'l wirja tkun fl'iskola Primarja taż-Żokkrija.

Il-Kunsilliera qablu unanimament fuq l'attivita kif wkoll biex tgħaddi mil-lokalita tal-Mosta.

#### 46.3.2 Korrispondenza – Email Triq-it-Torri

Is-Sindku Keith Cassar informa li rċevejna *email* mis-Sinjura Carmen Abdilla, fejn qalet li meta saru 'l *bollards* fi Vjal Indipendenza, Triq it-Torri li tagħti lejn Triq Torri Cumbo qegħda tkun iktar traffikuża, u għalhekk is-Sinjura Abdilla fl-email tagħha ssuġġeriet biex il-Kunsill jikkonsidra li Triq Torri Cumbo tkun *one-way*.
Sforz il-problemi li 'l-kunsill qed jħabbat wiċċu fuq *requests* tal-*one-ways* minn xi resident jew ieħor, għax jkun hemm min ma jaqbilx wkoll, il-Kunsilliera qablu li għalissa din tinżamm pendenti u nitkellmu mal-Perit.

#### 46.3.3 Korrispondenza – No entry from Valletta Road to Triq Manwella

Is-Sindku Keith Cassar informa li Sinjura Claudine Cini bagħtitilna *email* bir-ritratti fuq l'*accidents* li qed jsiru fuq ir-residenza tagħha. Is-Sindku nforma li din diġa tkellimna fuqa, fejn ir-residenta talbet li Triq Manwella tiġi *one-way*. Is-Sindku informa li hu u Segretarju Eżekuttiv għamlu laqgħa ma Transport Malta u LESA. Minuti tal-lum referenza 46.5.2.

#### 46.3.4 Korrispondenza – Żbilanċ Finanzjarju tal-Kunsill Lokali għas-sena 2016

Is-Sindku Keith Cassar nforma li l'iżbilanċ għas-sena 2016 kien ta' 286,970.00 Ewro. Is-Sindku nforma li għada 25 ta' Lulju għandna *meeting* mad-DLG biex nispjegaw kif il-Kunsill ħa jaħdem biex jitnaqqas dan id-dejn fis-snin li ġejjien.

#### 46.3.5 Korrispondenza – Email Crash Barrier Triq il-Kbira

Fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku Keith Cassar, il-Kunsilliera qablu unanimament li ssir *crash barrier* taħt il-bankina fejn Stephen Gatt tar-ritratti, peress li min ġej min Triq il-Kbira f'daqqa waħda it-triq tikser, u għalhekk min jkun ġej b'naqra *speed* jista jispiċċa mal-faċċata ta' Mr. & Mrs. Sant, fil-fatt mhux l'ewwel darba li 'l faċċata kellha 'l ħsara.
Il-Kunsill fil-passat kien għamel U-Bars, pero' mhux b'saħħitom biżejjed, u hemm il-bankina dejqa wkoll. Għalhekk ħa ssir talba lil Transport Malta.

- Il-Kunsillier Joe Gatt fid-9:00pm, talab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.

**46.3.6 Korrispondenza – Pjazza Dun Ang Camilleri**

Is-Sindku Keith Cassar informa lil-Kunsillera bi proposta li saret mill l'Ispettur Nicholas Vella wara li sar meeting mal-Kunsillier Christian Borg, Is-Segretarju Eżekuttiv u Transport Malta.

Il-Kunsiller Christan Borg qal li nkitbet ittra minn tlett residenti lil Prim Ministru, fejn talbu struttura aħjar fejn jidħol parkeġġ biex ma jkunx hemm *double parking*, u kif wkoll biex forsi l-Kunsill jikkonsidra li Triq it-Torri ssir biċċa *one-way* għal min jkun ġej minn Triq Ponsomby.

Il-Kunsill ma qabilx fuq il-*one-way* għax il-problema mhux it-triq imma mhux qed jiġi osservat id-*double yellow line* mis-sewwieqa. Fuq struttura aħjar ta' parkeġġ, il-Kunsill qabel li nkelmu lil Perit tal-Kunsill biex jagħmel pjanta biex nippruvaw nindirizzaw il-parkeġġ ta quddiem l'oratorju ħalli jkun aħjar biex il-*parking bays* jsiru b'mod angolat.

Il-Kunsilliera qablu li terġa titella din il-proposta f'laqgħa oħra tal-Kunsill, kif il-Perit jlestilna l-pjanta tal-parkeġġ.

- Il-Kunsilliera Angele Rapa fid-9:10pm, talbet biex tiġi skużata għax kellha bżonn titlaq.

**46.3.7 Korrispondenza – Tiġdid tal-Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Tiġdid tal-Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv Romina Perici Ferrante ġiet approvata.

**46.3.8 Korrispondenza – Petizzjoni mir-residenti taż-Żokrija**

Is-Sindku Keith Cassar nforma li rċevejna petizjoni mressqa minn Louise Sciberras u Carmen Duca f'isem ir-residenti. Ir-residenti lmentaw fuq il-ħmieġ ta' Triq il-Biedja u l'bandli taż-Żokkrija, fejn talbu wkoll biex jinbena ċint li jagħti għal l-iskola.
Is-Sindku nforma li fuq il-bandli hemm proġett mil-PAMA, għalkemm il-Kunsill xorta qed jagħmel l'almu tiegħu biex tinżamm l'indafa. Rigward iċ-ċint is-Sindku nforma li diġa hemm ċint tas-sejjieħ fejn kiber xi ħaxix ħażin.

Il-Kunsilliera qablu din l'*area* taż-Zokkrija titnaddaf mil-ħaxix ħażin.

**46.3.9 Korrispondenza – Tarmac Funds**

Is-Sindku Keith Cassar nforma li attenda għal laqgħa tar-reġjun fejn ir-reġjun kellu 100,000 ewro xi jqassam bejn il-Kunsilli, u 'l Kunsill tal-Mosta ġie allokat 21,164 Ewro, għal *major patching* li jrid jkun lest sa Novembru 2017.

Il-Kunsill ħa jgħaddi lista ta' toroq lir-Reġjun, u għad irridu nikkonfermaw jekk hux il-Perit tal-Kunsill, jew il-Perit tar-Reġjun li ħa jiċċertifika it-toroq, għalkemm il-Kunsilli qablu waqt il-laqgħa tar-Reġjun li għandu jkun il-Perit tal-Kunsill.

## 46.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**46.4.1** Il-Kunsillier Mario Sammut talab biex jsiru *ashtrays* madwar iċ-Centru Ċiviku. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li twaħħlu erba fl'*smoking area*, imma sfortunatament il-pubbliku xorta jibqa jarmi ma l-art.

**46.4.2** Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li is-Sur Martin Pace ġablu pjanta ta' kif ir-residenti jixtiequ li jkunu t-toroq tat-Targa Gap.

**46.4.3** Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li 'l ħarġa li jmiss hija ġewwa Smart City, fejn s'issa, mil-biljetti li nxtraw hemm mat-80 ruh.

**46.4.4** Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li għal laqgħa li jmiss mhux ħa jkun disponibli peress li ħa jiltaqa mas-Sindku ta' Millbrae, fejn dan il-Kunsill qiegħed f'ġemellaġġ mal-Kunsill tal-Mosta. Is-Sindku għandu jlesti il-messaġġ tiegħu, u s-Segretarju Eżekuttiv ħa tlesti xi mementos.

**46.4.5** Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici staqsiet fuq it-*temporary disabled parking bays* għaż-żmien tal-festa, peress li mhux ħa jkun hemm aċċess fil-pjazza. Is-Sindku Keith Cassar nforma li ħa jsiru tnejn quddiem il-Banif.

**46.4.6** Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici staqsiet fuq l'applikazzjonijiet ta' Ġieħ il-Mosta. Il-Kunsilliera qablu li l'applikazzjonijiet jistaw joħorġu għal-pubbliku.

**46.4.7** Is-Sindku Keith Cassar ipropona li niktbu lil Gvern, partikolarment lil Ministru Dr. Ian Borg, sabiex il-Mosta tiġi inkluża fl-ewwel lista ta' toroq li 'l Gvern ħabbar għal proġett ta' *resurfacing u reconstruction of streets.*
Din it-talba ħa ssir mhux b'kapriċċ jew għax il-Mosta, imma għax il-Mosta hija rotta ċentrali li tintuża ħafna għax taqsam il-belt Valletta u ċ-Ċirkewwa.
Il-Kunsilliera qablu unanimament biex tinbgħat l'ittra.

**46.4.8** Is-Sindku Keith Cassar nforma lil Kunsilliera li għalkemm ntbagħtet lista ta' xogħlijiet, lil kuntrattur Wilson Mifsud, xorta 'l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta ta' x'sar bħala xogħlijiet minn Jannar s'issa.

## 46.5 Rapporti

**46.5.1** Is-Sindku Keith Cassar informa lil kunsilliera li laqgħat ħa jiġu ippjanati biex jsiru kull 3 ġimgħat biex jkun hemm iktar *follow up* biex inkunu iktar effettivi u effiċjenti, u anke biex jitnaqqas it-tlett siegħat ta' ħin li 'l kunsill kien jdum fil-laqgħat preċedenti.

**46.5.2** Is-Sindku Keith Cassar informa lil kunsilliera li kellu laqgħa mal-Pulizija, kif wkoll *on-site* ma Transport Malta u LESA fuq Triq Valletta li tkompli ma Vjal

Indipendenza. Il-laqgħa saret minħabba varji aċċidenti li saru fuq residenza li qegħda kantuniera fi Triq Manwella ma' Triq Valletta. Transport Malta ħa tieħu passi biex jitnaqqsu dawn l'inċidenti li qed jsiru fl'istess post fejn lis-*speed limit* ħa jinżel għal 40km minn 50km, *rumble strips* fejn iż-żebra *crossing* u *road markings,* u titnaddaf il-mera għax mhux effetiva bil-ħmieġ li fija.
Il-Kunsill minn naħa tiegħu ħa jibgħat ittra lin-*nursery* tal-futbol, biex il-*pick-up* tat-tfal mil-ġenituri ssir minn Triq Manwella, u mhux mil-*main road* Triq Valletta.

Sar wkoll *site-visit* fi Vjal Inipendenza fejn twaħħlu l-*bollards,* u ġie nnutat li l'karozzi xorta qed jaqsmu minn Ta' Qali għar *roundbout* tal-Musrun, u għalhekk sar qbil biex jiżdiedu 'l *bollards.* Sar wkoll qbil li jsiru *bollards* fejn San Silvestru biex ma jaqsmux minn *Tower Road,* fejn din issa għalkemm forsi tista tkun inkonvenjent, żgur pero' li ħa jkun hemm iktar sigurta.

**46.5.3** Fuq festa 's-Sindku informa li kollox ħa jibqa bħas sena' ta' qabel fejn jidħlu kiosks, mwejjed u siġġijiet. Il-Kunsilliera ġew infurmati wkoll li l-Kummissjoni Piroteknika Nar Santa Marija irtiraw it-talba ta' permess li jaħarqu n-nar minn fuq il-bejt tal-Kunsill peress li sabu post alternattiv.

**46.5.4** Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mal GreenPak, fejn ġie kkonfermat li fl'aħħar il-*cameras* għal *Bring In Sites* dawn daqt jaslu, u ħa jitwaħħlu Sta. Margerita. Is-Sindku nforma wkoll li din il-ġimgħa ħa jkun l'*awards night* tal-GreenPak.
Il-Kunsilliera ġew infurmati li 'l kuntratt mal-GreenPak skadut, u DLG infurmawna li aħna mhux suppost inħallsu lil kuntrattur, imma hija il-Kumpanjia GreenPak u 'l-kuntrattur li jagħmlu l'arranġament ta' ħlas.

**46.5.5** Fuq indafa is-Sindku qal li 'l problema mhux biss hija mil-kuntrattur imma wkoll mir-residenti. Issa qed nittamaw li jkollna servizz aħjar kif jinħareġ it-tender tal-knis. Is-Sindku talab lil Kunsilliera biex jekk jinnutaw xi nuqqasijiet, jew wkoll jaslilhom xi ilment, jistaw jibgħatu dirett lil kuntrattur Wilson u jikkupjaw fl'*email* lil kunsill.

**46.5.6** Is-Sindku qara' korrispondenza minn resident minn Sant Andrija, fejn kemm ila li saret il-*one way* qed taffetwa l-knisja ta' Sant Andrija bit-traffiku li għaddej, fejn dan ir-resident qed jgħid li hemm xi konsenturi ġodda fil-binja tal-kappella. Is-Sindku qal li kienu twaħħlu xi strumenti fl'2002, pero' dawn l'istrumenti qatt ma ġew iċċekjati. Is-Sindku issuġerixxa li nitkelmu mal-Perit tal-Kunsill biex naraw jistax jsir xi tip ta' *monitoring* fuq din il-kappella fejn ir-restawr tagħħa kien sar mil-Kunsill.

**46.5.7** Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li rċevejna proposta fejn il-Kunsill jista jibbenifka mad-9,600 ewro fuq ħames snin, fuq l'*upkeep* taż-żewġ *bus shelters* ġewwa l-pjazza. Is-Sindku nforma lil kunsilliera li 'l kuntratt li kellna qabel kien skada, u fil-jiem li ġejjien ħa jiġi ffirmat il-kuntratt il-ġdid li ġie preparat mil-avukat tal-kunsill.

46.5.8 Is-Sindku informa li fuq Targa Battery sar pass il-quddiem fejn li *Scouts* qabdu Perit mil-finanzi tagħhom biex jsiru l'applikazzjonijiet mal-Planning Authority, fejn ġew infurmati wkoll il-Lands Department peress li din il-proprjeta hija tal-Lands. Xogħol li qed jsir bħal issa f'tat-Targa Battery se jiġi finanzjat mil-Mosta Scouts Group.

46.5.9 Is-Sindku nforma li illum kellu laqgħa ma tal-MED Design pero' il-Perit tal-PAMA ħassar dan il-*meeting*. Għandha ssir laqgħa oħra.

46.5.10 Is-Sindku nforma li kelna nissospendu l'applikazzjoni tal-Cat Cafe', peress li l'Planning Authority talbet xi 'nformazjoni li 'l kunsill qed jiġbor għax tali informazzjoni ma' kellniex. Dan huwa proċess normali, fejn nkunu nistaw nerġaw nifthu l'applikazzjoni kif jkollna id-dettalji kolla f'idejna.

46.5.11 Is-Sindku informa li flimkien mal-Viċi Sindku James Cassar u 'l Kunsillier Gianluca Busuttil, ltaqaw ma Anna Maria Grech li tieħu ħsieb il-Youth Empowerment Centre, fejn reġgħet ġiet infurmata li ir-relokazjoni tal-YEC għadu ħa jseħħ f'Novembru meta jiskadi 'l kuntratt tal-kirja tal-post fejn bħalissa qegħdin. Bħala YEC ir-relokazjoni m'għandhiex tkun problema, pero' fejn jidħol id-Day Centre għal anzjani dan għad irridu naraw u niddiskutu, pero' ma nistawx nibqaw inħallsu kwasi 18,000 ewro fis-sena għal żewġ tikmamar. Għalhekk jista jkun il-każ li temporanjament is-Sala tal-Komunita ma tibqax tinkera, sakemm jibdew id-disinji u permessi meħtieġa tal-proġett ta' bini ta' sular ieħor fiċ-Ċentru Ċiviku.
Is-Sur Formosa is-sid tal-post fejn qed nikru, diġa kien ġie infurmat fit-12 ta' Mejju 2017.

46.5.12 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li 'l *claims* li nirċievu minħabba ħofor fit-toroq jammontaw għal 5,000 Ewro, li jirriflettu 20 *claim* li mhux preskritti. Is-Sindku qal li fi żmien is-Sindku Shirley Farrugia, kienu jitħallsu dawk il-każijiet li kellhom id-dokumentazjoni meħtieġa kif ukoll *claim* raġunata. Fi żmien Transport Malta kienu wkoll għamlu proċeduri biex jitħallsu dawn it-tip ta' *claims.* Il-Mosta mhux qed jsiru toroq ġodda imma *patching,* fejn l'għar ħofor jiżvillupaw fix-xitwa, għalhekk is-Sindku talab li ttieħed deċizjoni darba għal dejjem fuq dawn il-*claims.* Is-Sindku ssuġġerixxa li nagħmlu *budget per quarter,* u ngħidu dawn jistaw jitħallsu fix-xahar, u mhux li naqtawhom f'daqqa. *Claim* ta' per eżempju 60 ewro u nitilfuwa, ħa tiġina għalja. Waqt li *claim* ta' 1000 Ewro hija *claim* għolja u fl'opinjoni tas-Sindku *far fetched,* għax ma jistax jkun li jekk tidħol f'ħofra, taqsam tyre, il-*wishbone,* il-*bumper* etċ, etċ. Il-Kunsilliera Rachel Tua, issuġġeriet li mad-dokumentazjoni għandu jkun hemm il-karrozza bit-*tyre* ġol ħofra bħala prova konkreta, mhux ritratt tal-ħofra biss.

Il-Kunsilliera qablu li niċċekjaw kemm hu l'*access* ma l-*insurance,* u noħorġu lista kif wkoll naraw ma l-*accountant* kif nistaw nimxu bħala *budget.* Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekja mal-Kunsill taż-Żurrieq x'jagħmel fuq *claims.*

**46.5.13** Il-Viċi Sindku James Cassar ikkonferma li l' preparamenti għal attivita Qargħasel mexjin u daqt jibdew jintbagħtu ittri lil *businesses* għal parteċipazjoni tagħhom. Dan l'avveniment ħa jsir ġurnata qabel Jum il-Mosta fil-15 ta' Settembru 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat l'allokazjoni finanzjarja biex nżommu mal-*budgets.*

**46.5.14** Is-Sindku Keith Cassar informa lil Kunsilliera li beda' x-xogħol fuq il-*generator,* u 'l *lift* il-ġdid għandu jiġi nstallat għal ħabta ta' Settembru. Is-Sindku kkorrisponda mal-Health biex jirrelokaw il-klinika sakemm is-servizz tal-*lift* jerġa jkun jista jintuża sakemm jitlesta ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li ntilfu tlett xhur minħabba nuqqas ta' *feedback* mill-Kunsilliera għalkemm saru sforzi minn naħa amminstrattiv għal approvazzjoni tal-Kunsill. Jekk il-Kunsill ma jiprovdix l'invoices lid-dipartiment sa nofs Settembru, hemm ċans li jekk ma jiġiex approvat l'*extension* mitlub lid-dipartiment, il-kunsill jkolli joħroġ l'ispejjes. Is-Sindku nforma li għandu jitkellem ma l'*engineer* tal-Health.

**46.5.15** Is-Sindku Keith Cassar informa li ser issir *clean-up* fis-16 ta' Settembru minn grupp ta' voluntiera. Il-*clean-up* ħa jsir fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, it-triq li tagħti għar-*roundabout* tal-Jupiter għal Lidl fuq iż-żewġ naħat, u lokazjoni oħra, għalhekk jekk xi Kunsillier jaf b'xi żona li għanda bżonn tindif jinforma lil Kunsill. Dak inhar ħa jkun hemm bżonn żewġ Kunsilliera oħra li huma *required on-site* biex jiltaqaw mal-voluntiera u jingħataw l'għodda.
*Clean-up Malta* ħa ssir madwar Malta kollha u ħa jkun hemm 10,200 voluntier.

**46.5.16** Is-Sindku Keith Cassar informa li Triq Kurat Schembri u toroq oħra li huma *pedestrian,* fejn fi żmien il-Kunsill kien qabel li ċertu toroq jkunu *pedestrain* għal min jrid jimxi. Is-Sindku nforma li rċevejna xi ilmenti għax hemm bżonn *parking* għar residenti, pero' dawn it-toroq għalkemm kien hemm żmien li jipparkjaw il-karozzi dawn maż-żmien saru *pedestrian* kif kien oriġinarjament pjanat, imma r-realta hi li xorta qed jgħaddu jew jipparkjaw karozzi u mingħajr *enforcement* il-Kunsill ma jista jagħmel xejn. Is-Sindku nforma li l'ideja tiegħu hi li jsir *resident's* parking għar-residenti biss mis-7 ta' filgħaxija sas-7 ta' filgħodu, pero' din l'iskema hija mwaqqfa minn Transport Malta b'avviz mil-Qorti. Għalhekk l'unika għażla hija li tingħalaq u tkun *pedestrian zone only,* jew jipparkjaw ir-residenti biss. Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici qalet li bħalissa it-tabelli li hemm huma *loading/unloading.*
Il-Kunsill qabel li toroq li huma *pedestrian* jidjiequ b'*bollards,* biex jgħaddu karozzi biss.

46.5.17 Is-Sindku Keith Cassar informa li Projects Malta kkuntatjaw lil Kunsill biex jsir laqgħa ħalli jaraw jekk is-Sindku 'l ġdid għandhux opinjoni differenti fuq il-proġett tal-*car park.* Is-Sindku nforma lil Projects Malta li 'l Kunsill għadu l'istess għajr għal żewġ kunsilliera ġodda u tibdila fil-kariga ta' Sindku u Viċi Sindku, u għalhekk nforma lil Projects Malta li jekk m'hemx informazzjoni ġdida li Projects Malta tixtieq tinforma lil-Kunsill, inutli li ssir laqgħa.
Għalhekk il-Kunsill ħa jinforma lil Projects Malta u ħa jipproponi biex issir laqgħa nhar it-tnejn 31 ta' Lulju għas-6:30 ta' filgħaxija, dejjem jekk Projects Malta tista tattendi u jekk għanda xi nformazzjoni ġdida li tixtieq tgħaddi u tinforma lil Kunsill.

46.5.18 Is-Sindku Keith Cassar informa li 'l Viċi Sindku James Cassar u 'l-Kunsillier Karl Tanti qed jaħdmu fuq il-25 anniversarju minn mindu sar il-monument Qalbiena Mostin, u iktar dettalji ħa jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

46.5.19 Is-Sindku Keith Cassar informa li tkellem ma tal-Military Vehicle Collectors Club Malta. Dawn jorgannizzaw *défilé* b'karozzi antiki tal-militar kif wkoll *re-enactments* tal-gwerra mal-*Battlefields Living History Re-Enactment Troops.* Din is-sena' Malta tfakkar il-75 sena mit-tieni gwerra dinjija mil-wasla tal-konvoj ta' Santa Marija, u għalhekk jkun tajjeb li kieku norganizzaw attivita ftit qabel il-festa ta' Santa Marija.

Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera li dan l'avveniment ħa jiswa ftit flus fosthom is-servizz tal-Pulizija. L'għaqda aċċettaw li jingħaqdu magħna u ħa jieħdu ħsieb kollox huma. Kull ma fadal risposta minn naħa tal-knisja jekk jaċċettawx li jkun hawn attivita fil-5 ta' Awissu.

46.5.20 Is-Sindku Keith Cassar informa li għandna żewġ areas, fi Triq Karlu Darmanin u 'l Pjazza Triq il-Mitħna 'l Qadima / Triq Mattew Callus. Dawn huma żewġ areas bil-ħamrija u ħaxix ħażin, għalhekk Is-Sindku talab lil-Kunsilliera biex nitolbu lil avukat biex jiċċekja mal-Lands jekk dawn iż-żewġ areas humiex privati. Jekk privati nitolbu lis-sidien biex inaddfuhom, jekk tal-Gvern nagħmlu talba biex jitneħħew u jingħataw lura lil-pubbliku bħala spazju ta' parkeġġ.

46.5.21 Is-Sindku Keith Cassar informa li ħa jkun hemm laqgħa għada 25 ta' Lulju u nvolva erba Kunsilliera; Frans Deguara, James Cassar, Mark Micallef Costa u Chris Borg, imma min jixtieq jattendi jista jiġi.
Is-Sindku nforma li ħa nidiskutu mar-residenti il-*way forward* wara li ntbagħtet l'ittra mil-avukat kif wkoll naraw f'hiex wasal il-Perit.

46.5.22 Is-Sindku Keith Cassar informa li kellu laqgħa mal-Pulizija fuq ix-xow tan-nar ta' l-ajru li ħa jsiru fl'14 u 15 ta' Awissu. Is-sena' l-oħra 'l Pulizija għalqu t-toroq bil-*barriers* minn fejn ir-*roundabout* ta' San Pawl tal-Qlejja u minn fejn il-Villa ta' Freddie Micallef biex in-nies setaw jkunu *safe.*

Il-Pulizija talbet lil-Kunsill l'għajnuna għax m'għandhiex riżorsi biex niprovdu servizz ta' żewġ *wardens*. Is-Sindku Keith Cassar nforma li żewġ *wardens* jiġu jiswew bejn wieħed u ieħor mas-700 Ewro. Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici infurmat li qgħadt ma ingħalqu żewġ toroq imma triq waħda.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera li din ma tistax ssir u qatt ma saret mil-kunsill, li nħallsu u niprovdu *wardens*, hija is-Soċjeta Piroteknika li trid taħseb għalihom u jħallsu għal dan is-servizz.

## 46.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 46.6.1 Skeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

### 46.6.2 Purchase Orders

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 46.6.3 Works Orders

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 46.6.4 Petty Cash

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

## 46.7 Assenjazzjoni tar-Responsabilitajiet lill-Kunsilliera

Is-Sindku Keith Cassar nforma lill-Kunsilliera bir-responsabilitajiet ġodda tagħhom hekk kif inhu ġej:

**Keith Cassar**
- Proġetti Kapitali
- Finanzi
- Ambjent / Indafa
- Jum Il-Mosta
- Għaqdiet
- Festi
- Aġġudikazzjonijiet ta' Tenders

**James Cassar**
- Attivitajiet
- PPP
- Aġġudikazzjonijiet ta' Tenders

**Gianluca Busuttil**
- Ġemellaggi
- Fondi Ewropej
- Proġetti Ewropej
- Żagħżagħ

**Karl Tanti**
- Turiżmu
- Trasport

- Toroq
- Kuntratti

| | |
|---|---|
| **Angele Rapa** | - Mosta Solidali<br>- Edukazzjoni |
| **Frans Deguara** | - Mosta Solidali<br>- Kultura<br>- Pubblikazzjonijiet |
| **Jesmond Gauci** | - Mosta Solidali |
| **Rachel Tua** | - Mosta Solidali<br>- Affarijiet Legali |
| **Maria Pia Bonnici** | - Patrimonju Mosti<br>- Żoni |
| **Mark Micallef Costa** | - Konsultazzjoni<br>- Aġġudikazzjonijiet ta' Tenders |
| **Mario Sammut** | - Persuni bi Bżonnijiet Speċjali<br>- Anzjani |
| **Christian Borg** | - Sport |
| **Joe Gatt** | - Patrimonju Mosti |

Il-Kunsilliera qablu unanimament bir-responsabilitajiet tagħhom.

**46.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:35p.m. u ġiet aġġornata għat- 28 ta' Awissu fis-7.30 p.m.

Konfermati llum 24 ta' Lulju 2017.

Keith Cassar
Sindku

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv